Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 301/2012AE

**Richard Cachia Caruana**

**vs**

**Joseph Grima**

L-Erbgha, 24 ta' Frar 2016.

L-attur ipprezenta kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fir-rigward ta' kummenti pubblikati mill-konvenut fuq 'Facebook' fid-29 u fit-30 ta' Awissu 2012. L-attur qal illi dawn il-kummenti huma libelluzi billi jikkontjenu allegazzjonijiet foloz u malafamanti fil-konfront tieghu u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tal-attur u ghalhekk talab li l-konvenut jigi kundannat ihallas somma li tillikwida l-Qorti bhala danni morali a tenur tal-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta). Bl-ispejjez;

Il-konvenut wiegeb illi l-attur ghandu jipprova li l-intimat huwa l-awtur tad-dikjarazzjonijiet li lmenta minnhom; illi l-kitbiet li lmenta minnhom l-attur ma humiex malafamanti billi jirraprezentaw il-verita tal-fatti; illi l-attur ried jindika liema partijiet tal-kitbiet qed iqishom malafamanti; illi l-attur huwa persuna pubblika mdahhla fil-hajja politika u kwindi espost ghal kritika aktar minn persuni li m'humiex fil-politika; illi kif ukoll, fi kwalunkwe kaz, il-kitbiet huma *fair comment;*

Il-konvenut appella mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Marzu, 2014, fejn, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat, laqghet it-talba attrici u ddikjarat illi l-'posts' illi l-intimat ghamel fuq il-pagna tieghu tas-sit elettroniku 'Facebook' fid-29 u 30 ta' Awissu 2012 kienu libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur, in linea ta' danni fis-somma ta' hamest elef Euro (€5,000).

Fil-qosor l-aggravji tal-konvenut huma:

1. Illi l-allegazzjoni li l-villa ta' l-attur hija l-*unika* wahda bil-*pool* (fl-Imdina), ghalkemm mhux ezatti ghal kollox fid-dettal, hija sostanzjalment vera u ghalhekk mhux malafamanti. Illi fis-sentenza '*Richard Cachia Caruana vs Alfred Sant*', deciza fl-2002, il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat illi kummenti fuq fatti li gew sostanzjalment pruvati, ghalkemm mhux ezatti fid-dettal, huma accettabbli f'socjeta demokratika.

2. Illi m'hemmx provi li l-post li dehru fuq *Facebook* inkitbu mill-konvenut. Hija xejn inqas minn *a travesty of justice* li l-ewwel Qorti ddikjarat responsabilita' fil-kawza ta' libell fuq *"ammissjoni"* f'Kapitolu. Din l-*"ammissjoni"* qatt ma tista tkun effikaci u certament m'hijiex wahda gusta. Illi l-intimat issottometta bir-rispett, li din l-*"ammissjoni"* tmur kontra d-dritt ta' smiegh xieraq ta' l-intimat, u d-dritt tieghu tal-prezuzjoni ta' l-innocenza.
3. Illi kuntrarju ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fid-digriet taghha ghar-rikors ta' l-intimat, id-dritt fundamentali tas-silenzju li huwa protett Konvenzjoni Ewropea, japplika f'din il-kawza billi: (a) hija talba ghad-danni u (b) l-attur Cachia Caruana, u l-Pulizija, ma offrew ebda garanzija li ma kienux ser jiehdu passi Kriminali kontra l-intimat dwar il-kliem mertu tal-libell.

Fir-risposta tieghu (datata 19 ta' Gunju, 2014) l-attur appellat, wiegeb illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. L-appellat argumenta li:

1. L-appellant mhux biss ma ressaq ebda prova izda b'kull mod possibbli, evita li jidher personalment quddiem il-Qorti u, kif jirrizulta' mill-atti stess, rrifjuta numru ta' Mandati ta' Tahrika tax-Xhieda; u illi l-gurisprudenza kostanti u pacifika tal-Qrati tal-Appell dejjem irriteniet illi hija m'ghandiex tiddisturba l-evalwazzjoni tal-provi ta' l-Ewwel Qorti jekk mhux ghal raguni gravi.
2. Illi l-appellant jipprova jizvija lil din il-Qorti meta fir-rikors ta' l-appell tieghu, huwa kkwota parti zghira minn dan ippubblikat u cioe' illi *"r-rikorrent ghandu villa 'fil-Belt' ghal bejgh u li jiftahar li hija l-unika wahda bil-pool, u li taghha qed jitlob hames miljun euro".* Dak ippubblikat huwa ezebit fl-atti u riprodott f'pagna 1 tas-sentenza; certament il-kumplament (mholli barra mill-appellanti), mhux kumplimentuz;
3. L-appellant ma ressaq ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti biex jipprova l-verita' tal-fatti allegati u konsegwentement, il-kummenti ma jistghux ikunu bbazati fuq dawn il-fatti;
4. Il-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenut gie pprezentat <u>wara</u> l-perijodu preskrittiv ta' sena (Artikolu 32 tal-Kap. 248) u ghalhekk id-dritt ta' l-appellanti ghal presunzjoni ta' l-innocenza (para.10 tar-rikors ta' l-appell) ma tidhol xejn. Izda f'kull kaz, l-attur irrefera ghas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn tghid illi l-intimat *"kellu kull opportunita' illi jitla' quddiem il-Qorti sabiex jichad in subizzjoni l-allegazzjonijiet li huwa kien l-awtur tal-posts meritu tal-kawza odjerna, ma deherx il-Qorti sabiex jaghmel dan".*

Il-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti.

Fuq il-facebook kienu deheru zewg posts taht l-isem tal-attur. Hdejn l-isem hemm ritratt tal-attur. Il-posts jaqraw hekk:

- **29 ta' Awissu 2012**: *"Il-villa ta' RCC fil-belt gal bejgh ta' 5 miljun ewro. Jiftahar li hija villa bil-pool u li tieghu biss seta jkollha permess ghall-pool. Mela le Rich il-Puff. Ghalm nies bhalek tiswa l-politika. Salarju fenomenali vvintat minn Gonzi, eluf ta' Liri ghax qala daqqa ta' sikkina minn nazzjonalist bhalu u izjed minnu, konsulent imhallas bil belli liri minn fuq daharna. X'ma jaghmilx villas bil pool u bil-permess esklussiv. Gawdi Rich sa kemm jibqaghlek zmien"*.
- **30 ta' Awissu 2012**: *"Ipokriti mmexxija minn Richard Cachia Caruana, imkecci mill-Parlament Malti ghax ghamel lilu nnifsu Alla ta' Malta fuq kulhadd. RCC mhu xejn hlief prodott Nazzjonalista li tant ghamel flus li qed ibiegh id-dar tieghu il belt ghal 5 miljun ewro. Kemm il-haddiem li ghex taht in nazzjonalisti ghal dawn l-ahhar 25 sena ghandu dar li tiswa 5 miljun ewro. Bravu RCC. Ghaqqadthom"*.

L-appellant argumenta li l-appellat ma tax prova li dawn il-*posts* inkitbu minnu. L-ewwel eccezzjoni tal-appellant taqra:-

*"Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprova li l-konvenut huwa l-awtur tad-dikjarazzjoni li qed jilmenta minnhom fil-kawza de quo"*.

Il-qorti tosserva:-

i. L-appellant qatt ma nnega li kien l-awtur. Fil-fatt illimita ruhu biex ighid li l-attur kellu jaghti prova li l-konvenut kien awtur tal-posts.
ii. Fit-tieni eccezzjoni nvoka d-difiza tal-verita tal-fatti. Dan fih innifsu hu konferma li hu kien l-awtur. It-tieni eccezzjoni taqra: *".... il-kitbiet li qed jilmenta minnhom l-attur ma humiex malafamanti billi jirraprezentaw il-verita tal-fatti kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza"* (fol. 7).
iii. Fuq kull post hemm l-isem Joseph Grima u ma' gembhom ritratt tieghu.

Fuq bazi ta' probabilita', l-ewwel qorti altru milli kienet gustifikata li tikkonkludi li l-konvenut kien l-awtur tal-posts. Il-qorti ma tarax 'il bzonn li tidhol fil-kwistjoni dwar il-kapitoli li kienu gew prezentati fil-15 ta' Novembru 2013 u 9 ta' Dicembru 2013, u li mill-atti jidher li l-appellant ghazel li ma jwegibx wara li nvoka d-dritt fundamentali tieghu li kellu dritt li ma jinkriminax lilu nnifsu.

Gialadarba l-konvenut invoka l-verita' tal-fatti, l-oneru tal-prova kien fuqu;

*"Truth is a complete defence to any defamatory statement of fact, whatever the motives for its publication and however much its revelation is unjustified or contrary to the public interest…and it operates whenever the defendants can show, by admissible evidence, that their allegation is, on balance, substantially correct. The question of substance may be significant – it is not necessary to prove that every single fact stated in the criticism is accurate, so*

*long as its sting (its defamatory impact) is substantially true"* (*Media Law*, G. Robertson & A. Nicol, Penguin Books (2008), pagna 143).

L-attur ma kellux obbligu li jaghti prova li dak li gie ddikjarat fil-konfront tieghu hu falz. L-oneru kien fuq il-konvenut li jaghti prova li 'l fatti allegati huma veri. Fil-posts, l-appellant allega fost'affarijiet ohra li:-

i. L-attur ghandu villa li pogga ghal bejgh bi prezz ta' €5,000,000. Fil-fehma tal-qorti m'huwiex daqstant rilevanti 'l fatt li nghad li d-dar qeghda l-Belt, u l-attur xehed li m'ghandux dar il-Belt.
ii. L-attur kien jiftahar li l-villa tieghu kien fiha pool u li d-dar tieghu biss seta' jkollha permess ta' *swimming pool*.
iii. Fil-perjodu meta l-Gvern kien immexxi mill-Partit Nazzjonalista, l-attur tant ghamel flus li kellu dar li ried ibiegh ghall-prezz ta' €5,000,000. Imbaghad jistaqsi *"Kemm il-haddiem li ghex taht in-Nazzjonalisti ghal dawn l-ahhar 25 sena ghandu dar li tiswa 5 miljun ewro* (?) *Bravu RCC. Ghaqqadthom"*.

Minn dan kollu ma gie ppruvat xejn, ghajr li fid-dar tal-attur fl-Imdina ghandu *swimming pool*. Fatt li l-attur stess ammetta meta xehed. Kuntrarjament ghal dak li jidher li jippretendi l-appellant, l-appellat ma kellux obbligu li jaghti prova ta' kemm il-pool ohra hemm fl-Imdina li dwarha nghata permess ta' zvilupp[1]. Hu evidenti li l-attur hadha *for granted* li fl-Imdina hemm biss zewg pools, cjoe' tal-attur u ohra. Tant hu hekk li fir-rikors tal-appell qal: *"Jirrizulta car, illi l-allegazzjoni li l-villa tar-rikorrent hija l-unika wahda bil-pool (fl-Imdina), ghalkemm mhux ezatti ghal kollox fid-dettall, hija sostanzjalment vera u ghalhekk mhux malafamanti"*. Pero' din hi biss assunzjoni tal-konvenut ghaliex provi dwar dan ma tressqux. Meta xehed l-appellat qal: *"M'huwiex minnu li l-ewwel u qabel kollox li jiena qatt ftahart li jiena kelli pool u li d-dar tieghi biss seta' jkollha pool ……"* (fol. 12). 'Il fatt li persuna tkun tokkupa kariga pubblika ma jfissirx li tista' tghid li jfettillek dwarha. Ghall-qorti hu evidenti li l-messagg li ried ighaddi l-konvenut kien li l-attur, taht il-Gvern Nazzjonalista:-

i. tant kellu poter, li kien jaghmel li jrid u jinghata li jrid. Fil-fatt fit-tieni post iddeskrivih bhala *"Alla ta' Malta fuq kulhadd"*. F'dan ir-rigward fl-ewwel post allega li l-appellat kien qieghed jiftahar li d-dar tieghu biss seta' jkollha permess ghall-pool. Permess li l-konvenut iddeskrivih bhala ***'esklussiv'***.
ii. Sar sinjurun, tant li kellu dar li ried ibiegh u li ghaliha kien qieghed jitlob prezz ta' €5,000,000. Fatt li qatt ma gie ppruvat. Anzi l-attur xehed li d-dar li kellu fl-Imdina kien wiritha minghand zijuh u qatt ma poggiha ghal bejgh.

Il-posts huma attakk frontali fuq l-attur. Ipingu xenarju ta' bniedem opportunist li nqeda bil-politika sabiex gawda minn privileggi u ghamel

[1] Paragrafu 5 tar-rikors tal-appell (fol. 2).

gwadann personali. Posts li m'huma xejn ghajr attakk fuq l-onesta' u l-integrita' ta' persuna li kienet tokkupa kariga pubblika. L-akkuza hi cara, li l-attur gawda minn favuri bis-sahha tal-politika u tinghata wkoll l-ideja ta' abbuz ta' poter. Dan apparti l-kliem dispreggattiv intiz biex iwaqqa' lill-attur ghar-redikolu, meta l-konvenut kiteb: *"Mela le Rich il Puff"*. F'dan ix-xenarju din il-qorti zgur li ma tistax tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel qorti.

F'wahda mill-eccezzjonijiet l-appellant ressaq ukoll id-difiza tal-*fair comment*. Difiza li biex tirnexxi trid tkun bazata fuq fatti li huma veri. Fatti li fil-kaz in ezami ma gewx pruvati. Dan apparti li dak li kiteb l-appellant hu mimli allegazzjonijiet ta' fatti u mhux opinjoni.

L-appellant isostni wkoll li s-somma ta' €5,000 li llikwidat il-qorti kienet gholja wisq. Qal li f'dan il-kaz l-attur ma kien sofra l-ebda telf finanzjarju u li l-ewwel qorti kellha tipprovdi ghad-danni *arbitrio boni viri*. F'dan ir-rigward ghamel ukoll riferenza ghal sentenza tal-istess qorti fil-kawza **Anthony Zammit vs Alfred Sant**, 17 ta' Marzu 2014 fejn il-qorti llikwidat is-somma ta' €1,000 wara li qieset li:-

i. L-attur kien Membru Parlamentari u Ministru, u ghalhekk il-livell ta' kritika ghalih tkun ferm oghla.
ii. Ma rrizultax li l-malafama kienet fissret telf finanzjarju ghall-attur.
iii. Il-kliem intqal waqt dibattitu politiku.

Kaz li ghadu *sub judice* quddiem din il-qorti. Il-qorti tillimita ruhha biex tghid li kull kaz ghandu cirkostanzi li jkunu partikolari ghalih. Min deliberatament jimmalafama lil haddiehor, kif gara f'dan il-kaz, irid jifhem li ser ikollu jdahhal idu fil-but u jhallas lill-vittma. L-Att dwar l-Istampa jaghti l-poter lill-qorti tillikwida somma sa massimu ta' €11,646.87, li fil-fehma tal-qorti hu ammont ferm konservattiv fejn partikolarment min jippubblika l-materjal malafamanti jkun jaf li dak li qieghed jippubblika m'huwiex il-verita'.

Meta tqies:-

i. Li ghalkemm il-konvenut ddefenda ruhu bid-difiza tal-verita' tal-fatti, ma ressaq l-ebda prova tal-istess. Dan minkejja li fit-tieni eccezzjoni qal li: *"... ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza"* (fol. 7).

ii. Fil-posts l-attur gie akkuzat li peress li hu min hu, gawda minn favuri politici u sahansitra sar sinjur minn fuq dahar il-poplu Malti tant li kellu dar ghall-bejgh ghall-prezz ta' €5,000,000. Il-posts sahansitra jatuk x'tifhem li hemm abbuz ta' poter. Trid u ma tridx, l-akkuzi li saru fil-konfront tal-attur iggieghel lill-qarrej li jistmerr lill-persuna u jxomm riha qawwija ta' korruzzjoni. Pero' ghalkemm l-attur kellu kull opportunita' li jressaq evidenza biex jipprova li dak li qal hu l-verita', kif wara kollox iddefenda ruhu, ghazel li ma jahtafx

> din l-opportunita'. Dan jaghti lill-qorti x'tifhem li dak li qal l-attur mhux ghaliex meta kitbu kellu l-provi imma ghaliex semplicement ried ihammeg ir-reputazzjoni tal-attur. Ghall-qorti dan ikompli jaggrava s-sitwazzjoni.

Cirkostanzi li altru milli jiggustifikaw il-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.